# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Novembru, 2016**

**Talba Nru: 114/2016 PM1**

**Vodafone Malta Limited (C10865)**

**Vs**

**Deandra Mallia**
**ID 378495(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-28 ta' Marzu, elfejn u sittax (2016) illi permezz tieghu is-socjeta' attrici kkontendiet illi l-intimata ghandha tigi kkundannata thallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' elf u tlett mija u tmienja u tletin euro u hames centezmi (€1,338.05) rapprezentanti ammont dovut mill-istess intimata lis-socjeta' attrici abbazi tat-tariffa 'Red Con-World + Liberty Plus Pack' referibbli ghall-kont bin-numru 1.10993225 bl-ispejjez inkluzi dawk referibbli ghall-ittra ufficjali intavolata ai termini tal-art. 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax legali mid-data ta'

meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-pagament effettiv tal-istess ammont kontra l-intimata ingunta in subizzjoni.

Ra l-affidavit ta' Dr. Jeremy Debono (fol 2 tal-process) permezz ta' liema, a nom u in rapprezentanza tas-socjeta' attrici, l-istess xhud ikkonferma li l-intimata hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma mitluba u li din il-procedura kellha tigi intavolata peress illi l-intimata naqset milli thallas is-somma mitluba minkejja li giet interpellata diversi drabi sabiex tersaq ghall-hlas.

Ra r-rendikont anness mal-istess affidavit (fol. 3 tal-process).

Ra illi l-konvenuta gie debitament ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz (fol. 13 et. seq tal-process), ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deheret ghas-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) t' Ottubru, elfejn u sittax 2016 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) t' Ottubru, elfejn u sittax (2016) u filfatt il-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal tilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf, tlett mija u tmienja u tletin euro u hames centezmi (€1,338.05) rapprezentanti ammont dovut mill-intimata lill-istess socjeta' attrici abbazi tat-tariffa 'Red Con-World + Liberty Plus Pack' referibbli ghall-kont numru 1.10993225; bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali interpellatorja kif ukoll bl-imghaxijiet legali mid-

data tan-notifika tal-ittra ufficjali surreferita lill-intimata sad-data tal-hlas effettiv skont ir-rati ukoll kif mitlub.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**